MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1959/2002

***Dingli Co. International Limited***
***bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta'***
***The Performing Right Society Limited ta' Londra***

***vs***

***C.C. Carparks Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' sitta u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm76.88c) rappresentanti in kwantu ghal Lm66.85 Royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 011358 (Dokument A anness ma' l-avviz), rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-istabbiliment *"China White"*, Sliema u Lm10.03 Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu mis-6 ta' Frar 2002 sal-5 ta' Frar 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-30 ta’ April 2002, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-P.L. Josette Attard ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ sitta u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm76.88), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-30 ta’ April 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

-------------------------------TMIEM-------------------------------